

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2008/2183(INI)

21.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Fondi Strutturali 2007-2013:
ir-riżultati tan-negozjati dwar l-istrateġiji tal-koeżjoni nazzjonali u l-programmi
operazzjonali
(2008/2183(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Atanas Paparizov

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rabta qawwija bejn il-politika ta' koeżjoni ġdida għall-2007-2013 u l-Aġenda ta' Liżbona; jinnotta b'sodisfazzjon il-fatt li minn EUR 347 biljun riżervati għall-politika ta' koeżjoni, iktar minn 65% huwa "iddedikat" għal infiq marbut ma' Liżbona, bħall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-kapital uman;
2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Istati Membri taw prijorità lill-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp (R&D) u l-innovazzjoni, li wassal għal ammont totali ta' EUR 86 biljun; jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni reġjonali għall-innovazzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li iktar minn nofs l-ammont totali se jkun investit fit-titjib tal-kapaċità innovattiva tan-negozji;
3. Jesprimi tħassib serju dwar l-ammont relattivament limitat ta' fondi riżervati għall-azzjonijiet fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u għat-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġiji rinnovabbli; huwa konvint li jinħtieġ ħafna iktar investiment f'dan il-qasam; iqis li, fid-dawl tar-reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali, iridu jkunu allokat li linji gwida tal-UE aktar b'saħħithom u iktar riżorsi finanzjarji biex iservu dawn l-oġettivi u b'mod speċifiku mill-inqas 5% tal-finanzjament strutturali jeħtieġ li jintefaġ għat-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija tad-djar eżistenti; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività tad-9 u l-10 ta' Ottubru 2008 dwar l-effiċjenza tal-enerġija; jenfasizza l-irwol prinċipali u l-potenzjal ta' żvilupp li jirrappreżentaw l-enerġiji rinnovabbli għar-reġjuni tal-UE, kemm biex jinħolqu l-impjiegi kif ukoll biex jitravwem żvilupp lokali sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-possibilitajiet kollha biex sal-2015 tiffinanzja l-konstruzzjoni ta' mhux aktar minn 12-il impjant dimostrattivi bil-qbid u l-ħażna tal-karbonju u sabiex tressaq il-proposti tagħha fil-ħin;
4. Iqis li r-riżorsi finanzjarji ddedikati għan-netwerks ta' enerġija trans-Ewropej mhumiex biżżejjed, ladarba dawn huma vitali għat-tlestija tas-suq intern tal-enerġija;
5. Jemmen li l-politika industrijali għandha tkun appoġġata permezz tal-Fondi Strutturali sabiex tizzied il-kompetittività tal-Istati Membri u tal-UE; għaldaqstant, jappoġġa l-prijorità fil-politika ta' koeżjoni biex ikun żblukkat il-potenzjal tan-negozji, b'mod partikolari dak tal-SMEs;
6. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqies il-bżonn speċifiku tal-Istati Membri l-ġodda li jinvestu fil-iżvilupp tal-infrastruttura bażika bħala prerekwiżit biex jilhqqu l-oġettivi ta' Liżbona.
7. Iqis li l-iżvilupp ta' poli ta' kompetittività taħt il-Fondi Strutturali huwa essenzjali minħabba li huma joffru potenzjal konsiderevoli għall-ħolqien ta' impjiegi mħallsin tajjeb u l-ġenerazzjoni ta' tkabbir, iżda wkoll għat-tnaqqis tal-pessjoni fuq konurbazzjonijiet kbar; f'dan ir-rigward jilqa' b'sodisfazzjon it-tkomplija tal-programm URBAN, meta wieħed iqis li r-rivitalizzazzjoni taż-żoni urbani u r-rijabilitazzjoni ta' infrastrutturi urbani

antiki huma meħtieġa;

8. Jenfasizza l-importanza ta' kapaċitajiet ta' konsolidazzjoni għall-koperazzjoni u l-assorbiment effettiv tal-fondi disponibbli, bl-użu tal-mezzi kollha possibbli, inklużi l-iskambju tal-aħjar prattiki, il-kampanji ta' informazzjoni, l-azzjonijiet komuni, l-iskambji ta' teknoloġija ġdida u l-iżvilupp ta' sħubijiet, minħabba li dan se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effiċjenti ta' programmi ta' koperazzjoni li diġà nbdew u b'mod partikolari żieda fil-kapaċità ta' assorbiment tal-Istati Membri l-ġodda;
9. Jenfasizza l-importanza li jitfasslu u jiġu applikati programmi speċjali f'reġjuni fejn l-attivitajiet industrijali dominanti qed jonqsu, bil-ħsieb li jkunu appoġġjati attivitajiet ta' rikostruzzjoni ekonomika li jistgħu jżidu b'mod sinifikanti l-importanza tas-settur terzjarju fl-ekonomija;
10. Jenfasizza wkoll il-bżonn li tiġi mmirata l-politika ta' koeżjoni lejn żoni rurali, minħabba li l-koeżjoni territorjali tista' tintlaħaq biss billi jiġi żviluppat bilanċ bejn iż-żoni urbani u dawk rurali;
11. Jemmen li l-kwistjonijiet tal-popolazzjoni jirrappreżentaw sfida ewlenija għall-Istati Membri, fil-kuntest, għall-biċċa l-kbira minnhom, ta' popolazzjoni li qed tonqos u tixjieħ; jenfasizza li dan l-aspett mhux qed jiġi ttrattat biżżejjed fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2008)0301;
12. Jikkunsidra li t-trasparenza fl-allokazzjoni tal-fondi u s-simplifikazzjoni amministrattiva, li tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni għall-benefiċjarji potenzjali tal-Fondi, huma kundizzjonijiet ewlenin biex jintlaħqu l-oġettivi ġenerali tal-politika ta' koeżjoni.

RIŻULTAT FINALI TAL-VOTAZZJONI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 46 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Šarūnas Birutis, Jan Březina, Jerzy Buzek, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Dragoş Florin David, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Erna Hennicot-Schoepges, Mary Honeyball, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Werner Langen, Anne Laperrouze, Pia Elda Locatelli, Patrick Louis, Eluned Morgan, Angelika Niebler, Atanas Paparizov, Aldo Patriciello, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Nikolaos Vakalis, Alejo Vidal-Quadras, Dominique Vlasto
Substitute(s) preżenti għall-votazzjoni finali	Pilar Ayuso, Juan Fraile Cantón, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Edit Herczog, Vittorio Prodi, Esko Seppänen, Silvia-Adriana Ţicău, Vladimir Urutchev